**Ruling mogħti fis-Seduta mill-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta Nru 294 tas-7 ta' Diċembru 2010 għar-rigward ta' Ksur ta' Privileġġ imressaq mill-Onor. Marie Louise Coleiro Preca kontra l-gazzetta "The Times"**

Fis-seduta Nru 249 tat-30 ta' Ġunju 2010 l-Onorevoli Marie Louise Coleiro Preca qajmet każ ta' ksur ta' privileġġ skond l-artiklu 13(4)(k) tal-Kap 113 kontra l-ġurnal "The Times" b'riferenza għar-rapport f'paġna 12 tal-ħarġa tal-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2010 intitolat "*MTA's fire-fighting approach to recession*".

L-Onorevoli Coleiro Preca qalet li kienet qed tibbaża l-ksur tal-privileġġ li qajmet fuq artikolu tal-Kap 113 li hija kkowtat hekk:

*"The wilful or reckless publication of any false or perverted report of any debate or proceedings of the House or a committee thereof".*

L-Onorevoli Coleiro Preca, qalet li stenniet li l-"*pick and choose*" li għamlet il-gazzetta in kwistjoni fir-rapportaġġ tad-diskors tagħha ta' siegħa u kwart "kellhom ikunu jirriflettu l-verità tal-fatti, għaliex hawnhekk m'aħniex qegħdin nagħmlu xi storja sensazzjonali. Hawnhekk huwa l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u min se jiddeċiedi li jagħmel *coverage* tal-i*statements* u d-diskorsi li nagħmlu għandu jkollu d-diċenza li dak li jagħżel, jirrappurtah kif suppost.". Hija lmentat ukoll li mhux l-ewwel darba li l-istess gazzetta injoratha.

Hija kompliet tgħid li meta tkellmet fuq "l-irregolaritajiet finanzjarji fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari u l-MTA jiena ma semmejtx lill-awditur tal-MTA u għamiltha b'mod mill-iktar espliċitu.". L-Onorevoli Membru kompliet tgħid li "Hawnhekk minflok saret referenza għall-Awditur Ġenerali - u jiena fid-dibattitu kont qed nikkwota proprju mill-aħħar pubblikazzjoni tar-rapport tal-Awditur Ġenerali tas-sena 2008 – issema' l-MTA Auditor." Hija kkonkludiet li "tal-inqas nippretendi minn gazzetta serja li l-preġudizzju u l-*bias* ikun iddikjarat għax hekk titlob l-etika, l-irġulija u l-onestà".

Is-Sedja rat it-*transcript* tad-diskors tal-Onorevoli Coleiro Preca kif ukoll ir-rapport relevanti tal-gazzetta "The Times". Is-Sedja kkonstatat li l-gazzetta, fir-rapport tagħha tad-diskors tal-Onorevoli Preca, qalet li "*in 2008, MTA's Auditor had found a number of irregularities in contracts, issuing of tenders, overcharged prices in contracts, errors in calculation of invoices, and salaries, financial limits exceeded and posting to inappropriate accounts*." u kkonstatat ukoll, mit-*transcript*, li fil-fatt l-Onorevoli Coleiro Preca kienet qalet dan kollu iżda kienet irreferiet għall-Awditur Generali u mhux għall-Awditur tal-MTA.

Qabel xejn, is-Sedja tikkonstata li din it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' privileġġ*prima facie* tqajjem fil-ħin u li kien konformi mal-Ordni Permanenti 36 li tgħid li "Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir ma' l-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku".

Is-Sedja tagħmel ukoll riferenza għal dak li qal ben tajjeb l-iSpeaker Louis Galea f'*ruling*tiegħu tat-18 ta' Mejju 2009:

"Fil-ħarsien tal-qadi sħiħ tad-dmirijiet tal-Membri, bis-saħħa tal-privileġġ li tagħtihom il-liġi, trid tinżamm dejjem ċara d-distinzjoni oġġettiva bejn in-nuqqas ta' qima dovuta, l-insult, il-malafama, ir-rappurtaġġ falz u mgħawweġ min-naħa, u min-naħa oħra l-kummenti u l-analiżi

tal-opinjoni pubblika f'kull mezz ta' komunikazzjoni tal-aġir, stqarrijiet, deċiżjonijiet u pożizzjonijiet politiċi li jadottaw il-Membri ta' din il-Kamra. Hu dmir tas-Sedja li tipproteġi lill-Membri kontra tal-ewwel meta dan tassew iseħħ, u lill-pubbliku u l-medja fir-rigward tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni".

Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sedja hija tal-fehma li għalkemm ir-rapportaġġ huwa inkorrett u l-iżball li sar żgur li mhux feliċi, iżda fil-kuntest tar-rappurtaġġ m'huwiex ta' natura suffiċjentement gravi biex jikkostitwixxi ksur ta' privileġġ skond l-Artikolu kkwotat mill-Onorevoli Membru.

Għaldaqstant, salv u fermi d-drittijiet li talvolta jista' jkollu l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca taħt l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) jew taħt xi liġi oħra, is-Sedja tiddeċiedi li m'hemmx każ ta' *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Is-Sedja tagħmel riferenza wkoll għall-ilment tal-Onorevoli Membru li hija mhux l-ewwel darba li ma tiġix rappurtata meta titkellem fil-Parlament. Ir-rappurtaġġ ommeno ta' dak li jintqal fil-Parlament mhuwiex kwistjoni ta' ksur ta' privileġġ u hija deċizjoni li trid tittieħed editorjalment. Iżda, fir-rispett sħiħ lejn din id-diskrezzjoni editorjali, is-Sedja tagħmel appell biex il-ġurnali u l-mezzi tax-xandir jagħmlu minn kollox biex, b'responsabbiltà lejn id-demokrazija parlamentari tagħna, jinfurmaw lill-pubbliku dwar id-dibattiti u diskorsi li jsiru fil-Kamra tad-Deputati u tittama li ħadd minnhom ma jagħmel deċiżjoni editorjali*across the board* li jirrapportaw biss dak li editorjament jiġi kkonsidrat sensazzjonali jew, agħar minn hekk, li ma jirrappurtawx id-dibattiti li jsiru fil-Parlament ta' Malta.